

# KNISJA DDEDIKATA LIT-TRINITÀ QADDISA FI NEW YORK TISKAPPA L-ATTAKKI TAL-11 TA' SETTEMBRU

Eric Montfort

Wasalna sabiex nagħlqu l-ewwel għaxar snin minn dan is-seklu u l-ġrajja tal-11 ta' Settembru 2001 se tkun avveniment fost l-aħbarijiet li l-iktar sejrin nibqgħu niftakru. It-traġedja tal-ħtif ta' erba' ajruplani minn terroristi suwiċida u l-qtil ta' kważi tlitt elef ruħ, ħafna minnhom fil-World Trade Centre, fetaħ era ġdida ta' biża', rabja u sfortunatament preġudizzju bejn kulturi tal-punent u kulturi mid-dinja li qed tiżviluppa. Ironikament, minkejja li dan l-attakk premedidat b'ħażen liema bħalu kellu warajh terroristi fundamentalisti Musulmani, terz mill-mejtin fil-World Trade Centre kienu Musulmani.



B'xorti kbira, biex ma ngħidx b'miraklu, il-Knisja Episkopali ddedikata lit-Trinità Qaddisa salvat mill-istraġi u t-tifrik li seħħu fl-*iskyscrapers* qribha. It-Twin Towers waqgħu imma din il-Knisja baqgħet hemm, minkejja li hi ftit metri biss 'il bogħod minn dawn il-binjiet ġganteski. Kull ma ġarrbet kienu ħsarat ta' nugrufun u trabijiet li waqgħu madwarha.

Meta l-aħħar żort New York, kelli l-opportunità li nara din il-knisja tassew sabiħa, fi stil gotiku u li ilha wieqfa għal 160 sena. Il-parroċċa hi iktar antika għax għandha 300 sena. Fil-fatt, din hi t-tielet knisja li nbniet hawnhekk. Għalkemm ma jaqsmux it-twemmin Kattoliku tagħna, innotajt kemm il-parruċċani hawnhekk huma ddedikati. L-ammont ta' karità li ssir tul is-sena huwa għoli ħafna, fost l-ogħla nett madwar l-Istati Uniti. Hija knisja marbuta ħafna mal-istorja tal-Istati Uniti għaliex kienet hemm meta George Washington flimkien ma' rappreżentanti oħra ta' komunitajiet fil-grigal tal-pajjiż iddikjaraw l-indipendenza mill-Gran Brittanja. Dil-knisja rat il-konflitti li seħħu dak iż-żmien fejn Washington, issa l-ewwel president, kompla l-ġlieda sakemm l-Ingliżi aċċettaw l-Amerika bħala stat sovran u indipendenti fl-1783. Mużew f'din il-knisja jagħti iktar tagħrif dwar ir-rwol tagħha fi New York, hekk kif din il-belt kompliet tikber b'mod mgħaġġel. Il-knisja Episkopali tat-Trinità Qaddisa għandha rixtellu mill-isbaħ tal-bronż u dan serva bħala l-ewwel monument għall-vittmi tal-ġrajja tal-11 ta' Settembru. Sfortunatament, l-orgni sabiħ tagħha kellu jinbidel minħabba t-trabijiet u n-nugrufun li bela' f'dan l-attakk. Din il-knisja kienet diġà nqerdet darbtejn, darba minħabba nirien u darb'oħra minħabba silġ qawwi li ħakimha. Din id-darba, f'sitwazzjoni orribbli u iktar perikoluża, salvat. Tgħid dan kien xi messaġġ Divin?

Ta' min jgħid li din il-knisja kienet attiva ħafna tul ir-Randan u l-festi tal-Għid b'mod differenti. F'dawn il-ġranet, permezz tal-internet, hija wasslet il-Kelma tal-Mulej u dan l-istil innovattiv ġab l-ammirazzjoni ta' ħafna komunitajiet inkluż il-Knisja Kattolika. Forsi din l-istrateġija tista' tiġi kkunsidrata hawn Malta?

***Nużaw il-ġranet li jwasslu għall-Festa tat-Trinità Qaddisa ħalli nirriflettu iktar u nsaħħu l-ispiritwalità Kattolika tagħna. Noffru talb, sagrifiċċji u xogħolna stess għal dinja aħjar kif tridha t-Trinità Qaddisa, u nersqu iktar lejn is-Sagramenti, speċjalment il-qrar u t-tqarbin.***